



Brussell, 19 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16425/23

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0402 (NLE)

---

UK 237  
FISC 293

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/512 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni

---

## **DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/512 li tawtorizza  
lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq,  
miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168  
tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud  
fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagraphu, tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512<sup>2</sup> tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, sal-31 ta' Diċembru 2023, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex jiffissa, fuq bażi ta' rata fissa, il-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) marbut man-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati ("il-miżura speċjali").
- (2) L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li persuna taxxabbi hija intitolata tnaqqas il-VAT imposta fuq ix-xiri għall-fini tat-tranżazzjonijiet taxxabbi. Madanakollu, l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva jirrikjedi li l-applikazzjoni minn persuna taxxabbi ta' oġġetti li jagħmlu parti mill-assi tan-negozju tagħha għall-użu privat tagħha jew tal-persunal tagħha, għandha titqies bħala provvista ta' oġġetti li ta' min jikkunsidraha, meta l-VAT fuq dawk l-oġġetti jew fuq il-partijiet komponenti tagħhom tkun tista' titnaqqas totalment jew parjalment. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun tnaqqset fil-bidu b'raba mal-użu privat.
- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2023, ir-Renju Unit talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-miżura speċjali anke wara l-31 ta' Diċembru 2023.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512 tat-22 ta' Marzu 2021 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 103, 24.3.2021, p. 4).

- (4) Skont l-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2006/112/KE, permezz ta' ittri bid-data tas-7 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni bagħtet it-talba mressqa mir-Renju Unit lill-Istati Membri kollha minbarra lil Ċipru, li ġie infurmat b'ittra bid-data tat-8 ta' Awwissu 2023. Permezz ta' ittra bid-data tat-8 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (5) Skont l-informazzjoni li r-Renju Unit ipprovda fit-talba tiegħu, is-sitwazzjoni fattwali li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-miżura speċjali ma nbidlitx. Barra minn hekk, spjegazzjoni dwar il-funzjonament tal-miżura speċjali inkluża fit-talba tiegħu tindika li l-miżura speċjali wriet li hija effettiva biex tissimplifika, kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għad-dipartimenti tat-taxxa, il-proċedura għall-ġbir tal-VAT b'rabta tan-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali parżjalment użati għal finijiet privati.
- (6) Għalhekk, jixraq li din l-applikazzjoni tal-miżura speċjali tiġi estiżza. Jenħtieġ li dik l-estensjoni jkollha skadenza biex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq mir-Renju Unit dwar jekk il-proporzjon tal-VAT, iffissat fuq bażi ta' rata fissa, għadux jirrifletti b'mod korrett in-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-miżura speċjali tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.
- (7) Jekk ir-Renju Unit ifittem li l-miżura speċjali terġa' tiġġedded wara l-31 ta' Diċembru 2026, jenħtieġ li huwa jippreżenta talba, flimkien ma' rapport, lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2026.

- (8) F'konformità mal-Artikolu 8, it-tieni paragrafu tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>3</sup>, id-dħul li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li jkunu taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux jingħata lill-Unjoni. Għalhekk, il-miżura speċjali mhu se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni provenjenti mill-VAT.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/512 tīgi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>3</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

### *Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/512 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *'Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit jingħata l-awtorizzazzjoni li, mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2026, jiffissa, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, fuq bażi ta' rata fissa, il-proporzjon tal-VAT marbut man-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati.

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tīgħi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2026, flimkien ma' rapport li juri l-effettivitā tal-miżura speċjali u l-kisba tal-objettivi tagħha. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk il-proporzjon tal-VAT għadu jirrifletti b'mod korrett in-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati.'

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*